MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Numru 683/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Domnic Micallef**

**vs**

**Brian Muscat**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Brian Muscat, iben Daniel u Carmen nee` Moore imwieled il-Pieta` fit-30 ta` Novembru, 1966 u residenti numru 4, Hanover Street, Bormla u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 58266 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Fl-10 ta` Novembru, 1996 ghall-habta ta` 8.00 pm wettaq serq ta` diversi oggetti mill-fond numru 161, Dockyard Street, Paola ghad-detriment ta` Carmen Brincat, liema

serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix Lm 1,000 u bil-lok.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 11 ta’ Settembru 2000 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-22 ta’ Settembru, 2000 (a *folio* 14 tal-process) ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirigwarda serqa li saret fl-10 ta’ Novembru 1996 bejn is-sebgha neqsin kwart u t-tmienja neqsin kwart ta filghaxija mill-fond numru 161, Dockyard Street, Paola ghad-detriment ta’ Carmen Brincat u liema serq kien aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li ma jeccediex l-Lm1,000. Mill-provi rrizulta li gie sgassat il-bieb tal-injam tal-imsemmi fond u kkagunata hsara stmata fil-valur ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15.00) u li mill-fond in kwistjoni nsterqu television tal-marka Panasonic li kien jiswa mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 250.00), choker tad-deheb lli kienet tiswa mitejn lira maltija (Lm200.00), arlogg li kien jiswa erbghajn lira Maltin(Lm 40.00), imsielet tad-deheb li kienu jiswew erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm 24.00) u gizirana tal-fidda li l-valur taghha ma kienx maghruf.

Fl-atti tal-inkjesta magisterjali li saret in konnessjoni ma din is-serqa (process verbal relattiv esebit a folio 16 et sequitur tal-process) jirrizulta li kienu gew nominati PS 1374 Edgar Dalli u PC 173 Brian Mangion bhal Scene of the Crime Officers u li huma elevaw xi lifters b’impronti

digitali minn fuq il-post fejn saret is-serqa in dizamina (ara rapport relattiv a folio 23 tal-process verbal).

Illi pernmezz ta' digriet tat-3 ta' Gunju 1998 il-Magistrat Inkwirenti kien hatar lil PS 673 Joseph Mallia sabiex jaghmel komparazzjoni bejn il-lifters elevati min fuq il-post tas-serqa mal-impronti digitali fir-records tal-Pulizijia.

Illi minn ezami tar-relazzjoni tal-imsemmi PS 673 Joseph Mallia (esebita a folio 33 et sequitur tal-process verbal) jirrizulta li huwa ikkonkluda s-segwenti:-

Ili wara li saru l-ezamijiet rikjesti fuq id-dokument 96 CRI 301,96 CRI 302, 96 CRI 303 u 96 CRI 304 l-esponent jikkonkludi dan li gej:

A. Ili d-dokument 96 CRI 301 jaqbel mas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Brian Muscat ID No 58266 (M) u li joqghod numru 4, Hanoover Hill Cospicua.
B. Illi d-dokument 96 CRI 302 jaqbel mas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Brian Muscat I.D. No 58266(M) u li joqghod numru 4, Hanoover Hill Cospicua.
C. Ili d-dokumenti 96 CRI 303, u 96 CRI 304 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u ghalhekk ma' jistghux jigu kkomparati mar-record ta' l-impronti tal-Pulizija.

Illi permezz ta' digriet tat-22 ta' Novembru 2000 din il-Qorti nnominat llil PC PC 956 Andrew Caruana sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat prezenti fl-awla (u cioe' l-imputat odjern) u nnominat ukoll bhala espert forensiku lil Joseph Bongailas bl-inkarigu li jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati minn fuq il-post tas-serqa u l-impronti digitali tal-imputat.

Illi fir-relazzjoni tieghu esebita a folio 60 et sequitur tal-process l-espert Joseph Bongailas ikkonkluda s-segwenti:-

Ili wara li gew ezaminati, studjati u komparati d-dokumenti 96 CRI 301, 96 CRI 302, 96 CRI 303, 96 CRI 304, 96 CRI 305, u 96 CRI 306, lifters u ritratti li fuqhom jidhru

impronti digitali u d-dokumenti MB1 formola ta’ l-impronti digitali u MB2 formola tal-marki tal-pali ta’ l-idejn ta’ Brian Muscat, l-esponent jikkonkludi dan li gej:

A. IIi l-impronta li tidher fuq il-lifter document 96 CRI 301taqbel mal-marka tas-saba l-kbir ta’ l-id ix-xellugija ta’ Brian Muscat, document MB1.
B. Lli l-impronta li tidher fuq il-lifter document 96 CRI 302 taqbel mal-marka tas-saba tan-nofs ta’ l-id ix-xellugija ta’ Brian Muscat, document MB1.
C. IIi l-impronti li jidhru fuq il-lifters dokumenti 96 CRI 303, 96 CRI 304 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal-komparazzjoni u ghalhekk ma’ jistghux jigu kkomparati mad-dokumenti MB1 formola ta’ l-impronti digitali u MB 2 formola tal-marki tal-pali ta’ l-idejn ta’ Brian Muscat.
D. IIi d-dokument 96 CRI 305 jigbor fih erba’ (4) ritratti black and white ta’ l-impronti dokumenti 96 CRI 301, 96 CRI 302, 96 CRI 303 u 96 CRI 304.
E. IIi d-dokument 96 CRI 306 jigbor fih erba (4) ritratti bil-kulur li juri l-lifters dokumenti 96 CRI 301, 96 CRI 302, 96 CRI 303 u 96 CRI 304 qabel ma gew elevati

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Brian Muscat fit-23 ta’ Gunju 1998 (esebita a folio 12 u 13 tal-process) jirrizulta li l-imputat ittiehed mill-Ispettur Domnic Micallef fuq il-post fejn saret is-serqa izda l-imputat cahad li huwa kien seraq mill-fond in kwistjoni jew li huwa kien qatt acceda fl-imsemmi fond.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza tikkontendi li l-unika prova li resqet il-Prosoekuzzjoni hija li nstabu mpronti digitali tal-imputat fil-fond fejn saret is-serqa in dizamina u li tali prova wahidha ma tistghax titqies li hija prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex tkun tista’ tinstab htija fil-konfront tal-imputat.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali** tat-**28 ta’ Mejju 1998** fil-kawza fl-ismijiet **Pulizjia vs Anthony Abela** fejn l-

imsemmija Qorti tal-Appell stabbiliet li impronta digitali misjuba fil-post fejn kienet saret is-serqa, liema fond kien hanut jew post pubbliku, ma kienitx sufficjenti sabiex tinstab htija fuq sid dik l-impronta digitali proprju ghaliex f'hanut jidhlu hafna nies u ghalhekk sid l-impronta digitali jista' ikun dahal fil-hanut ghal ragunijiet legittimi. Il-Qorti tal-Appell izda qalet ukoll is-segwenti:-

'Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza private u jigi stabbilit li s-suspettat li nstabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahhlu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz, prova tal-fingerprint wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija. Izda fil-kaz ta' postijiet pubblici, din il-prova tinnecessita korroborazzjoni, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti'.

Fil-kaz in dizamina l-impronta digitali tal-imputat Brian Muscat instabet f'residenza privata li l-imputat stess qal lli huwa qatt ma kien dahal fiha u li ma kellu ebda konnessjoni maghha. Il-Qorti ghalhekk tirritjeni li s-sejba tal-impronta digitali tal-imputat fil-fond fejn saret is-serqa in dizamina hija prova bizejjed u sufficjenti fil-kamp kriminali sabiex tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat ghas-serqa in kwistjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali aggornata tal-imputat (esebita a folio 125) jirrizulta li huwa inghata diversi oppportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu izda huwa m'gharafx jiehu vantagg minn dawn l-opportunitajiet u jidrilha li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja effettiva. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll it-trapass ta' zmien minn mindu nbdew il-proceduri odjerni sakemm dawn waslu sabiex jigu decizi u jidrilha li minhabba dan it-tul ta' zmien il-piena ghandha tkun aktar vicin il-minimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 261, 263, 267, 269 u 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija b'effett millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------